



Brussell, 13 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13831/18

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0083(NLE)
2018/0084(NLE)

VISA 293
COLAC 93

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji – Adozzjoni b) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess Ftehim – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-11 ta' April 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji¹, flimkien ma' abbozz ta' test tal-imsemmi ftehim fl-anness għal dik il-proposta², u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-istess ftehim³.

¹ 7922/18 VISA 68 COLAC 14.

² 7922/18 VISA 68 COLAC 14 ADD 1.

³ 7923/18 VISA 69 COLAC 15.

2. Fit-22 ta' Ottubru 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża qabel dwar dawn il-proposti. Fl-istess okkażjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża approva wkoll dikjarazzjoni biex tiġi annessa mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar, li tikkonċerna d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2017/2226 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-Istati Membri li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen kollu kemm hu⁴.
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim imsemmi hawn fuq jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jhux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000; għalhekk ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħhom u mhux marbut bihom jew soġġett għall-applikazzjoni tagħhom.
4. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħhom u mhix marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.
5. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u t-test tal-ftehim ġew editjati mill-ġuristi lingwisti. Huma ppreżentati rispettivament fid-dokumenti 13447/18 VISA 280 COLAC 86 u 13449/18 VISA 282 COLAC 88.

Id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-istess ftehim ukoll ġiet editjata mill-ġuristi lingwisti. It-test editjat hu ppreżentat fid-dokument 13448/18 VISA 281 COLAC 87.

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden biex jirrakkomanda li l-Kunsill:
 - a) jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar kif tinsab fid-dokument 13447/18;
 - b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument 13448/18 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu ladarba l-ftehim ikun ġie ffirmat kif dovut.

Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar ser tiġi ppubblikata fil-ĠU skont ir-regoli applikabbli.

⁴ 13028/18 VISA 266 COLAC 77.